Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0262

Il-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (COM(2025)0524 – C10-0137/2025 – 2025/0524(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Unjoni naqqxet fil-leġiżlazzjoni objettiv vinkolanti ta’ newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050, u b’hekk tnaqqas l-emissjonijiet għal żero netti sa dik id-data, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm ’il quddiem***,*** stabbilixxa mira klimatika intermedja vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 u ***ppreveda*** l-istabbiliment ta’ mira klimatika intermedja għall-Unjoni kollha għall-2040.	(2) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***5***, l-Unjoni naqqxet fil-leġiżlazzjoni objettiv vinkolanti ta’ newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050, u b’hekk tnaqqas l-emissjonijiet ***ta’ gassijiet serra*** għal żero netti sa dik id-data, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm ’il quddiem***.*** ***Dan ir-Regolament*** stabbilixxa ***wkoll*** mira klimatika intermedja vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 u ***jirrikjedi*** l-istabbiliment ta’ mira klimatika intermedja għall-Unjoni kollha għall-2040.

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0223/2025).

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).	[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Filwaqt li qieset il-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata, il-Kummissjoni ppreżentat mira rakkomandata ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 għall-2040 fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Frar 2024 bit-titolu "Niżguraw il-futur tagħna: Il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta"[6] .	(3) Filwaqt li qieset il-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima ***("il-Bord Konsultattiv")*** u abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata, il-Kummissjoni ppreżentat mira rakkomandata ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 għall-2040 fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Frar 2024 bit-titolu "Niżguraw il-futur tagħna: Il-mira klimatika tal-Ewropa għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta"[6] .
[6] COM(2024) 63 final.	[6] COM(2024) 63 final

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex tipproponi l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, il-Kummissjoni qieset l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) u tal-Bord Konsultattiv; l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, inklużi l-kostijiet ta' nuqqas ta' azzjoni; il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal kulħadd; il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-setturi l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; l-aqwa teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli; l-effiċjenza enerġetika ***u l-prinċipju*** "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista; l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom; il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; il-ħtieġa li l-bjar naturali jinżammu, jiġu ġestiti u jiġu mtejba fit-tul u li l-bijodiversità tiġi mħarsa u rrestawrata inkluż l-ambjent tal-baħar; il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment; l-iżviluppi u l-isforzi li saru fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, United	(4) Sabiex tipproponi l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, il-Kummissjoni qieset l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) u tal-Bord Konsultattiv; l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, inklużi l-kostijiet ta' nuqqas ta' azzjoni; il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal kulħadd; il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-setturi l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; l-aqwa teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli; l-effiċjenza enerġetika ***inkluż il-prinċipju*** "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista ***għall-Istati Membri kollha***; l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom; il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; il-ħtieġa li l-bjar naturali jinżammu, jiġu ġestiti u jiġu mtejba fit-tul u li l-bijodiversità tiġi mħarsa u rrestawrata inkluż l-ambjent tal-baħar; il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investiment; l-iżviluppi u l-isforzi li saru fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, United

Nations Framework Convention on Climate Change); l-informazzjoni eżistenti dwar il-baġit indikattiv ipprojettat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030-2050.	Nations Framework Convention on Climate Change); l-informazzjoni eżistenti dwar il-baġit indikattiv ipprojettat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030-2050.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040, huwa essenzjali li, fost l-oħrajn, jiġi implimentat bis-sħiħ il-qafas maqbul għall-2030, jiġi żgurat u pprovdut appoġġ ***għall-kompetittività*** u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea, jiġu żgurati perkorsi ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-aħjar teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli, tiġi stabbilita enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd lura, tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mas-sħab internazzjonali, tiġi dekarbonizzata s-sistema tal-enerġija ***bis-soluzzjonijiet*** kollha tal-enerġija b'emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju (inklużi l-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin, is-CCS, is-CCU, l-assorbimenti tal-karbonju, l-enerġija ġeotermali u l-idroenerġija, u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti), ***u jiġi organizzat djalogu strateġiku dwar il-qafas ta' wara l-2030 mas-setturi rilevanti kollha. Bil-Patt għal Industrija Nadifa, l-UE qed tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal***	(5) Sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040, huwa essenzjali li, fost l-oħrajn, jiġi implimentat bis-sħiħ il-qafas ***tal-politika*** maqbul għall-2030, jiġi żgurat u pprovdut appoġġ ***biex tittejjeb u tissaħħaħ il-kompetittività*** u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea, ***tiżgura sistemi tal-ikel sostenibbli kif ukoll ir-reżiljenza tal-komunitajiet rurali u s-sigurtà tal-ikel permezz ta' settur agrikolu Ewropew sostenibbli u robust,*** jiġu żgurati perkorsi ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-aħjar teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli, ***u*** tiġi stabbilita enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta ***għar-reġjuni, is-setturi u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli milquta*** li ma tħalli lil ħadd lura, ***pereżempju permezz ta' appoġġ mill-Fond Soċjali għall-Klima fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Barra minn hekk, huwa essenzjali li*** tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mas-sħab internazzjonali, ***u li jsir użu effettiv mill-istrumenti ekonomiċi kollha tal-UE biex jiġu skoraġġuti u miġġielda***

tranżizzjoni b'suċċess, li tiffoka kemm fuq ***id-dekarbonizzazzjoni kif ukoll fuq it-tiġdid industrijali, inklużi mekkaniżmi*** ta' ***appoġġ għall-industrija Ewropea, aċċess aħjar għall-finanzi pubbliċi u privati, kundizzjonijiet ekwi globali***, u ***kundizzjonijiet abilitanti ċari għall-adozzjoni u l-iskalar*** ta' ***teknoloġiji nodfa, sabiex jissaħħu l-kompetittività industrijali*** u ***l-innovazzjoni fl-UE***.

prattiki kummerċjali inġusti, tiġi dekarbonizzata s-sistema tal-enerġija ***permezz ta' approċċ newtrali mil-lat teknoloġiku li jinkludi s-soluzzjonijiet*** kollha tal-enerġija b'emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju (inklużi l-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin, is-CCS, is-CCU, l-assorbimenti tal-karbonju, l-enerġija ġeotermali u l-idroenerġija, ***il-bijoenerġija sostenibbli*** u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti), ***jitnaqqsu d-dipendenzi*** fuq ***l-importazzjoni u jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-UE*** ta' ***materja prima kritika***, u ***jiġi organizzat djalogu strateġiku dwar il-qafas*** ta' ***wara l-2030 mas-setturi rilevanti kollha inklużi l-industrija*** u ***t-trasport***.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew iddikjara li t-titjib tal-kompetittività tal-Unjoni, it-tisħiħ tar-reżiljenza tagħha, u l-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika huma objettivi ta' tisħiħ reċiproku li jridu jiġu segwiti flimkien, u appella għal żieda urġenti fl-isforzi biex tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija affordabbli u nadifa u tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina qabel l-2030, inkluż billi tiġi

sfruttata t-Task Force l-ġdida għall-Unjoni tal-Enerġija, kif ukoll biex tiġi aċċellerata l-ħidma mmirata lejn it-tnaqqis tal-prezzijiet tal-enerġija u lejn l-appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli domestikament fl-Unjoni. Bil-ħsieb li tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffettiva, ekwa u ġusta, prammatika u soċjalment ibbilanċjata lejn in-newtralità klimatika, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti, l-investiment kemm tas-settur privat kif ukoll dak pubbliku, inkluż permezz tal-finanzjament tal-Unjoni, se jkun faċilitatur ewlieni għat-tranżizzjoni nadifa, pereżempju billi jiġu appoġġati u aċċellerati l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fl-Istati Membri kollha, jiġi appoġġat l-aċċess għat-tiġdid u d-dekarbonizzazzjoni industrijali, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija kif ukoll jiġu pprovduti soluzzjonijiet affordabbli fl-ekonomija kollha u għaċ-ċittadini fl-Unjoni kollha. Il-Patt għal Industrija Nadifa qed jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni b'suċċess, u jiffoka kemm fuq id-dekarbonizzazzjoni kif ukoll fuq it-tiġdid industrijali, u dan se jikkontribwixxi biex tingħata spinta lid-domanda għall-"Made in Europe", u l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-industrija Ewropea, inkluż il-Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali u l-qafas il-ġdid

	simplifikat tal-għajnuna mill-Istat.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5aa (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5aa)Barra minn hekk, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew fakkar ukoll fil-ħtieġa urġenti li jiġu intensifikati l-isforzi kollettivi biex jiġu żgurati t-tiġdid industrijali, il-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa b'mod teknoloġikament newtrali. F'dan il-kuntest, issottolinja li jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-industriji tradizzjonali, b'mod partikolari l-industriji tat-tbaħħir, tal-avjazzjoni u dik awtomobilistika kif ukoll l-industriji intensivi fl-enerġija, bħall-azzar u l-metalli, is-sustanzi kimiċi, is-siment, il-ħġieġ u ċ-ċeramika, u l-polpa u l-karta, sabiex jibqgħu reżiljenti u kompetittivi f'suq dinji u f'ambjent ġeopolitiku diffiċli. F'dan ir-rigward, huwa laqa' l-proposta reċenti tal-Kummissjoni biex is-settur Ewropew tal-azzar jiġi protett mill-impatti inġusti tal-kapaċità żejda dinjija. Huwa laqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tmexxi 'l quddiem ir-rieżami previst skont ir-Regolament dwar l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi u l-vannijiet, u

	jappella għall-preżentazzjoni rapida ta' din il-proposta, b'kunsiderazzjoni tan-newtralità teknoloġika u l-kontenut Ewropew. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew laqa' wkoll l-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni dwar il-klima u l-kompetittività.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Il-Patt għal Industrija Nadifa jiffoka wkoll fuq aċċess aħjar għall-finanzi pubbliċi u privati, suq tal-enerġija tal-Unjoni integrat u interkonness li jiżgura s-sigurtà tal-enerġija, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari, kundizzjonijiet ekwi dinjija inkluż permezz tal-implimentazzjoni effettiva u l-estensjoni tas-CBAM għal merkanzija downstream, l-introduzzjoni ta' miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni u azzjoni biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-esportazzjoni, u kundizzjonijiet abilitanti ċari bħal permessi simplifikati u l-adozzjoni u l-espansjoni ta' teknoloġiji nodfa, sabiex jissaħħu l-vantaġġ kompetittiv tal-Unjoni u l-kompetittività industrijali kif ukoll l-innovazzjoni fl-UE filwaqt li jitqies l-ambjent ġeopolitiku diffiċli.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, filwaqt li jiġi kkomplementat b'żieda fl-assorbimenti, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet kemm naturali kif ukoll teknoloġiċi. Fl-iżvilupp tal-pakkett ta' politika ta' wara l-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-kontribut tat-tnaqqis gross tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-assorbimenti naturali u teknoloġiċi. L-assorbimenti ***bbażati fuq in-natura*** u dawk industrijali se jaqdu rwol dejjem akbar fl-ekonomija tal-Unjoni fid-deċennji li ġejjin, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050 u li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Se jiġu żviluppati inċentivi ***fl-okkażjoni*** tar-rieżami tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-2026, fejn il-Kummissjoni tbassar li se tipprevedi ***assorbimenti*** permanenti domestiċi tal-karbonju fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ***ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni*** ("EU ETS", EU Emissions Trading System) biex tikkumpensa għall-emissjonijiet residwi ***minn setturi*** diffiċli sabiex jitrażżnu.	(7) Jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, filwaqt li jiġi kkomplementat b'żieda fl-assorbimenti, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet kemm naturali kif ukoll teknoloġiċi. Fl-iżvilupp tal-pakkett ta' politika ta' wara l-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-kontribut tat-tnaqqis gross tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-assorbimenti naturali u teknoloġiċi. ***L-assorbimenti naturali għandhom karatteristiċi li jenħtieġ li jitqiesu, bħall-istruttura tal-età tal-foresti, il-proporzjon tal-ħamrija organika, il-varjabbiltà naturali, u l-inċertezzi relatati mal-impatti tat-tibdil fil-klima, mad-disturbi naturali u mal-bidliet fil-metodoloġiji. L-assorbimenti naturali*** u dawk industrijali se jaqdu rwol dejjem akbar fl-ekonomija tal-Unjoni fid-deċennji li ġejjin, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050 u li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Se jiġu żviluppati inċentivi ***fil-kuntest*** tar-rieżami tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] fl-2026, fejn il-Kummissjoni tbassar li se tipprevedi ***l-inklużjoni tal-assorbimenti*** permanenti domestiċi tal-karbonju fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ***tal-emissjonijiet tal-UE*** ("EU ETS",

	EU Emissions Trading System) biex tikkumpensa għall-emissjonijiet residwi diffiċli sabiex jitrażżnu.***Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għandu rwol ċentrali f'bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari u għandu l-potenzjal li jipprovdi benefiċċji klimatiċi u ambjentali fit-tul li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni nadifa tal-ekonomija tal-UE u jnaqqsu d-dipendenzi billi jissostitwixxu l-materjali bbażati fuq il-fossili.***
[7] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).	[7] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Filwaqt li xi politiki abilitanti diġà ġew implimentati u l-impatt tagħhom diġà huwa viżibbli, dan għadu mhuwiex il-każ għalihom kollha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ l-inizjattivi rigward il-qafas ta' abilitazzjoni u timmira li taċċellera l-adozzjoni tagħhom

	biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw lill-industrija u liċ-ċittadini Ewropej matul it-tranżizzjoni, b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-Unjoni għandha stabbilit qafas regolatorju biex tilħaq il-mira klimatika għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta dik il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-EU ETS, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***9*** li jistabbilixxi miri tal-assorbiment nett tal-karbonju għas-settur tal-użu tal-art. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi emendata sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040. Meta tfassal l-arkitettura futura,*** jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tħejji valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, inklużi l-impatti fuq il-kompetittività u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u tikkunsidra li tieħu l-miżuri meħtieġa, inklużi proposti leġiżlattivi kif xieraq. Jenħtieġ li jiġu riflessi b'mod xieraq għadd ta' elementi biex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-mira***	(8) L-Unjoni għandha stabbilit qafas regolatorju biex tilħaq il-mira klimatika għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta dik il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-EU ETS, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***8***, li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miri tal-assorbiment nett tal-karbonju għas-settur tal-użu tal-art. ***Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn l-EU ETS2, l-applikazzjoni tal-Artikolu 30(k)(2), l-ittri (a) sa (e) tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tiġi posposta b'sena. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jeħtiġilha tiġi emendata sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040, waqt*** li ***tqis ukoll il-kapaċità dejjem tonqos tal-bjar naturali. Meta tfassal il-qafas għal wara l-2030, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji valutazzjonijiet tal-impatt***

għall-2040, inkluż kontribut limitat potenzjali għall-mira tal-2040 ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, fit-tieni parti tad-deċennju 2030–2040, f'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-Ftehim ta' Pariġi; ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi (Qbid tal-Emissjonijiet Bijoġeniċi bil-Ħżin tal-Karbonju (BioCCS, Biogenic Emissions Capture with Carbon Storage) u Qbid mill-Arja bil-Ħżin tal-Karbonju (DACCS, Direct Air Capture with Carbon Storage)) fl-EU ETS; aktar flessibbiltà fost is-setturi. Sabiex jiġu vvalutati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, l-arkitettura futura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt robusti. L-arkitettura futura jenħtieġ li trawwem ukoll il-konverġenza filwaqt li tqis l-ekwità u l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri, inklużi dawk tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi.

dettaljati, filwaqt li tqis l-analiżi tagħha tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, l-ambjent ġeopolitiku, inkluż il-bżonn li tiġi żgurata l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha biex iżidu b'mod rapidu u jsaħħu l-kapaċità difensiva tagħhom billi jiġu indirizzati l-piżijiet possibbli filwaqt li jinżammu l-inċentivi għad-dekarbonizzazzjoni industrijali, l-impatti fuq il-kompetittività, fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-industriji intensivi fl-enerġija, u ***l-impatti*** fuq ***il-kostijiet tal-enerġija u l-ħtiġijiet ta' investiment fl-Istati Membri kollha, u tikkunsidra*** li ***tieħu l-miżuri neċessarji***, ***inkluż proposti leġiżlattivi kif xieraq***.

---

[8] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj).

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/841

---

[8] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj).

[9] Ir-Regolament (UE) 2018/841

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj).	tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj).

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Jenħtieġ li jiġu riflessi b’mod xieraq għadd ta’ elementi biex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-mira klimatika għall-2040, inkluż kontribut adegwat għall-mira klimatika għall-2040 ta’ krediti internazzjonali ta’ kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta’ Pariġi, fit-tieni parti tad-deċennju 2031-2040, b’mod li jkun kemm ambizzjuż kif ukoll kosteffiċjenti u f’konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-Ftehim ta’ Pariġi, inkluż perjodu pilota biex jinbeda suq tal-kreditu internazzjonali ta’ kwalità għolja u ta’ integrità għolja għall-perjodu 2031-2035; ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi (bħall-emissjonijiet Bijoġeniċi tal-Qbid bil-Ħżin tal-Karbonju (BioCCS) u l-Qbid Dirett mill-Arja bil-Ħżin tal-Karbonju (DACCS)) fl-EU ETS filwaqt li

tiġi żgurata l-integrità ambjentali tal-EU ETS, inkluża l-possibbiltà li s-CO_2 jinħażen barra mill-Unjoni, kif xieraq, soġġett għall-eżistenza ta' ftehimiet internazzjonali u li jiġu previsti kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni; u flessibbiltà mtejba u aċċessibbli mas-setturi u l-istrumenti kollha u fi ħdanhom biex jiġi appoġġat approċċ kosteffettiv, li permezz tiegħu, pereżempju l-kisbiet tal-Istati Membri f'settur wieħed jistgħu jibbilanċjaw id-diskrepanzi f'oħrajn b'mod kosteffiċjenti filwaqt li jiġi żgurat li kull settur jikkontribwixxi għall-isforzi u jiġi żgurat li n-nuqqasijiet possibbli f'settur wieħed ma jkunux għad-detriment ta' setturi ekonomiċi oħra, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' kull Stat Membru li jagħmel użu mill-flessibbiltajiet. Fl-operazzjonalizzazzjoni tal-użu tal-krediti internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Istati Membri u l-opportunità li tappoġġa s-sħubijiet strateġiċi tal-UE. Il-krediti internazzjonali jenħtieġ li ma jkollhomx rwol għall-konformità fl-EU ETS. Jenħtieġ li t-trajettorja attwali tal-EU ETS tiġi riveduta fir-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-ETS biex titqies il-mira maqbula għall-2040 b'mod li jippermetti ammont limitat ta' emissjonijiet wara l-2039. Jenħtieġ li l-Kummissjoni

	tikkunsidra f'waqtu perkors ta' eliminazzjoni gradwali aktar bil-mod għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti mill-2028 'il quddiem biex tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni, l-investiment u l-impjiegi fl-Ewropa, inkluż permezz tal-Bank tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali u rieżami tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, filwaqt li timminimizza r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sabiex jiġu vvalutati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, il-qafas għal wara l-2030 jenħtieġ li jkun ibbażat fuq valutazzjonijiet tal-impatt robusti. Il-qafas għal wara l-2030 jenħtieġ li jrawwem ukoll il-konverġenza filwaqt li jqis l-ekwità u l-ispeċifiċitajiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri, inkluż dawk tal-gżejjer, Stati Membri gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Filwaqt li xi politiki abilitanti diġà ġew implimentati u l-impatt tagħhom diġà huwa viżibbli, dan għadu mhuwiex il-każ għal kollox. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li ***taċċellera*** u ***ssaħħaħ il-qafas ta' abilitazzjoni*** biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw ***lill-***	***Il-Kummissjoni għandha tkompli ssaħħaħ l-inizjattivi li jikkonċernaw il-qafas ta' abilitazzjoni u*** għandu jkollha l-għan li ***taċċellera l-adozzjoni*** u ***l-implimentazzjoni tagħhom*** biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw ***lill-persuni ġuridiċi u fiżiċi milquta, bħall-industrija*** u ***ċ-***

industrija u ***liċ-ċittadini*** Ewropej matul it-tranżizzjoni, ***b'rispett sħiħ tad-dritt tal-UE***.	***ċittadini*** Ewropej matul it-tranżizzjoni, ***lejn il-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 2(1) u ekonomija newtrali għall-klima***.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tar-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu, sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-mira stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-elementi li ġejjin ikunu riflessi kif xieraq fil-proposti leġiżlattivi:	Fil-qafas tar-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu ***tal-paragrafu 4***, sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-mira stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-elementi li ġejjin ikunu riflessi kif xieraq fil-proposti leġiżlattivi:

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Mill-2036, kontribut ***limitat possibbli*** lejn il-mira għall-2040 minn krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi ***ta' 3 %*** tal-emissjonijiet netti tal-UE għall-1990 li jappoġġaw lill-UE u lil pajjiżi terzi fl-ilħuq ta' trajettorji ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra kompatibbli mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 °C, u	(a) Mill-2036, kontribut ***adegwat*** lejn il-mira ***klimatika*** għall-2040 minn krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi ***sa 5 %*** tal-emissjonijiet netti tal-UE għall-1990 li ***jikkorrispondu għal tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'85 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2040, b'mod li jkun kemm ambizzjuż kif ukoll***

jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iżjed mil-livelli preindustrijali – l-oriġini, il-kriterji ta’ kwalità u kundizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw l-akkwist u l-użu ta’ kwalunkwe kreditu bħal dan għandhom ikunu rregolati fid-dritt tal-Unjoni;

kosteffiċjenti, jappoġġaw lill-UE u lil pajjiżi terzi fl-ilħuq ta’ trajettorji ta’ tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra kompatibbli mal-objettiv tal-Ftehim ta’ Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 °C, u jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iżjed mil-livelli preindustrijali ***b’tali mod li tiġi żgurata l-integrità ambjentali ta’ dawn il-krediti, filwaqt li tiġi promossa t-tmexxija teknoloġika tal-UE; jista’ jiġi kkunsidrat perjodu pilota biex jinbeda suq tal-kreditu internazzjonali ta’ kwalità għolja u ta’ integrità għolja għall-perjodu 2031-2035;*** l-oriġini, il-kriterji ta’ kwalità u kundizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw l-akkwist u l-użu ta’ kwalunkwe kreditu bħal dan għandhom ikunu rregolati fid-dritt tal-Unjoni ***biex jiġi żgurat li jkunu bbażati fuq attivitajiet kredibbli u trasformattivi f’pajjiżi sħab li l-miri u l-politiki klimatiċi tagħhom ikunu kompatibbli mal-miri tal-Ftehim ta’ Pariġi u jkunu soġġetti għal salvagwardji robusti li jiżguraw l-integrità, l-evitar tal-għadd doppju, l-addizzjonalità, il-permanenza, il-governanza trasparenti, metodoloġiji b’saħħithom ta’ monitoraġġ, rapportar u verifika, kif ukoll kobenefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali u salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem, salvagwardji għall-prevenzjoni tal-finanzjament ta’ proġetti li jmorru kontra l-interessi strateġiċi tal-Unjoni, u ambizzjoni għolja għas-sehem***

	tar-rikavati għall-adattament, is-sehem tal-benefiċċji ta' mitigazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati u l-mitigazzjoni ġenerali tal-emissjonijiet globali; meta tistabbilixxi l-kriterji, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tistabbilixxi kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti skont l-Artikolu 6.4 tal-Ftehim ta' Pariġi;

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS", EU Emissions Trading System) biex jikkumpensaw għall-emissjonijiet residwi ***minn setturi*** diffiċli sabiex jitrażżnu;	(b) ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS", EU Emissions Trading System) biex jikkumpensaw għall-emissjonijiet residwi diffiċli sabiex jitrażżnu;

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) flessibbiltà akbar fis-setturi kollha, biex jiġi appoġġat l-ilħuq tal-miri b'mod kosteffettiv;	(c) flessibbiltà akbar fis-setturi ***u l-istrumenti*** kollha ***u fi ħdanhom***, biex jiġi appoġġat l-ilħuq tal-miri ***b'mod sempliċi u*** kosteffettiv;

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-kontribut realistiku tal-assorbimenti tal-karbonju għall-isforz ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-inċertezzi tal-assorbimenti naturali u jiġi żgurat li n-nuqqasijiet possibbli ma jkunux għad-detriment taʼ setturi ekonomiċi oħra, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw assorbimenti naturali żejda biex jikkumpensaw l-emissjonijiet tagħhom fʼsetturi oħra;

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-ħtieġa li jinżammu, jiġu ġestiti u msaħħa, kif xieraq, il-bjar naturali fit-tul u li tiġi protetta u rrestawrata l-bijodiversità, li tiġi promossa l-bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari, kif ukoll li jitqiesu l-effetti tad-differenzi fl-istruttura tal-età tal-foresti, il-varjabbiltà naturali u l-inċertezzi bʼmod partikolari dawk marbuta mal-impatti tat-tibdil fil-klima u d-disturbi

	naturali fis-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija;

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Il-miri u l-isforzi tal-Istati Membri għal wara l-2030 għandhom jirriflettu l-kosteffiċjenza u s-solidarjetà, ***fid-dawl*** taċ-ċirkostanzi nazzjonali;	(d) Il-miri u l-isforzi tal-Istati Membri għal wara l-2030 għandhom jirriflettu l-kosteffiċjenza u s-solidarjetà, ***b'kunsiderazzjoni*** taċ-ċirkostanzi ***u l-ispeċifiċitajiet*** nazzjonali ***differenti, inkluż dawk tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi***;

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	(f) l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali ***madwar l-Istati Membri inkluż fir-rigward tal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività għall-industrija Ewropea***;

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ***ekwa*** għal kulħadd;	(h) il-ħtieġa li tiġi żgurata ***u appoġġata*** tranżizzjoni ***ekwa u*** ġusta***, kosteffettiva*** u soċjalment ***ibbilanċjata*** għal kulħadd***, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti u filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-impatti fuq il-prezzijiet għall-konsumatur, il-faqar enerġetiku u dak tat-trasport u lir-reġjuni u s-setturi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-bdiewa u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli affettwati mit-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika***;

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) is-simplifikazzjoni, in-newtralità teknoloġika, il-kosteffettività, l-effiċjenza ekonomika, u s-sigurtà ekonomika;	(i) is-simplifikazzjoni ***u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv***, in-newtralità teknoloġika, il-kosteffettività, l-effiċjenza ekonomika, u s-sigurtà ekonomika;

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-azzjoni klimatika bħala	(j) l-azzjoni klimatika bħala

mutur għall-investiment ***u*** għall-innovazzjoni;	mutur għall-investiment***,*** għall-innovazzjoni ***u għaż-żieda fil-kompetittività***;

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) il-ħtieġa li tissaħħaħ ***il-kompetittività*** globali tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari ***tal-intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju u s-setturi industrijali l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-karbonju, sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta;	(k) il-ħtieġa li tissaħħaħ ***ir-reżiljenza u l-kompetittività*** globali tal-ekonomija tal-Unjoni ***u jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju***, b'mod partikolari ***għall-intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju u s-setturi industrijali ***li huma*** l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-karbonju, ***inkluż fir-rigward ta' esportazzjonijiet,*** sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) l-affordabbiltà tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza enerġetika ***u l-prinċipju*** "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel";	(m) l-affordabbiltà ***u d-disponibbiltà*** tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza enerġetika***, is-sigurtà enerġetika inkluż il-prinċipju*** "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"***, kif ukoll it-tisħiħ tal-grilji u l-interkonnessjonijiet tal-elettriku bil-ħsieb li tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina u tiġi promossa l-***

	enerġija prodotta domestikament;

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ma) ir-rwol tal-fjuwils b'livell żero, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, inkluż it-trasport bit-triq lil hinn mill-2030 u miżuri konkreti biex jgħinu lill-manifatturi tal-vetturi tqal jilħqu l-miri tagħhom, filwaqt li jitqies il-kontenut Ewropew;

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien;	(o) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien***, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata wkoll il-koeżjoni soċjali kif ukoll li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u tranżizzjoni ġusta***;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) il-ħtieġa li l-bjar naturali jinżammu, jiġu ġestiti u jiġu mtejba fit-tul u li l-bijodiversità tiġi mħarsa u rrestawrata, kif ukoll li jitqiesu l-inċertezzi b'mod partikolari dawk marbuta mal-impatti tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art;	***imħassar***

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' investiment, inkluż l-aċċess għall-finanzi pubbliċi u privati;	(q) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' investiment, inkluż l-aċċess għall-finanzi pubbliċi u privati ***kif ukoll l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-aċċess għal teknoloġiji innovattivi fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jitqies il-bilanċ ġeografiku***;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) l-iżviluppi u l-isforzi fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv aħħari ***tal-UNFCCC***, kif ukoll l-appoġġ tal-	(r) l-iżviluppi u l-isforzi fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv aħħari ***tal-Konvenzjoni Qafas tan-***

Unjoni lis-sħab tagħha fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu.”***.***	***Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)***, kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni lis-sħab tagħha fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu.”

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 4 – paragrafu 8 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	“8. Minn sena wara l-adozzjoni ta’ dan ir-Regolament, kull sentejn il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-miri intermedji u t-trajettorji tad-dekarbonizzazzjoni stipulati f’dan ir-Regolament, filwaqt li tqis l-aħħar evidenza xjentifika, l-avvanzi teknoloġiċi u l-isfidi li qed jevolvu u l-opportunitajiet għall-kompetittività dinjija tal-UE. Il-valutazzjoni tista’ tkun akkumpanjata, meta jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi.”;

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3) fl-Artikolu 11, l-ewwel paragrafu, jiżdiedu l-punti li

	ġejjin:
	“(c) l-isfidi li qed jevolvu u l-opportunitajiet għall-kompetittività dinjija tal-industriji Ewropej madwar l-Istati Membri, b’mod partikolari tal-industriji li jużaw ħafna enerġija u tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju;”;

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija u l-impatt tagħha fuq l-industriji u l-unitajiet domestiċi Ewropej;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt cb (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-impatti soċjoekonomiċi inklużi l-effetti fuq l-impjiegi;

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) l-avvanzi teknoloġiċi u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi fl-Istati Membri u s-setturi kollha;

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) il-livell stmat ta' assorbimenti netti fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-miri ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-livell stmat ta' assorbimenti naturali netti għall-2040 huwa diverġenti b'mod sinifikanti minn dak li jkun meħtieġ biex tintlaħaq il-mira intermedja għall-2040, inkluż fejn minħabba disturbi naturali, il-Kummissjoni għandha tipproponi, meta jkun xieraq, miżuri fil-livell tal-Unjoni, inkluż jekk meħtieġ aġġustament tal-mira intermedja għall-2040 li tikkorrispondi għan-nuqqasijiet possibbli u fil-limiti tagħhom, u tiżgura li n-nuqqasijiet possibbli ma jkunux għad-detriment ta' setturi ekonomiċi oħra;

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)

Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) il-progress lejn miri intermedji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(g) il-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jużaw krediti internazzjonali ta' kwalità għolja biex jissodisfaw sa 5 % tal-miri u l-isforzi tagħhom għal wara l-2030 f'setturi li mhumiex regolati fl-EU ETS.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1119
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4) Fl-Artikolu 11, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Ir-rapport tal-Kummissjoni ***jista'*** jkun akkumpanjat, meta jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi biex dan ir-Regolament ***jiġi emendat***.	"Ir-rapport tal-Kummissjoni ***għandu*** jkun akkumpanjat, meta jkun xieraq, minn proposti leġiżlattivi biex ***jirrevedu*** dan ir-Regolament***, inkluż il-mira intermedja għall-2040, u minn miżuri addizzjonali biex isaħħu l-inizjattivi li jikkonċernaw il-qafas ta'***

abilitazzjoni li jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva kontinwa ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 4(5), u jiżgura l-kompetittività, il-prosperità u l-koeżjoni soċjali tal-UE."

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

sjoni *Emenda*

Artikolu 1a

Posponiment tal-operat tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali

It-tħaddim tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali stabbiliti fil-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87 huwa pospost sal-2028. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 30(k)(2), l-ittri (a) sa (e) tad-Direttiva 2003/87 għandhom japplikaw. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10a(8b) tad-Direttiva 2003/87 għandhom japplikaw ukoll fl-2026.